**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta , 24 ta'  Settembru, 2019**

**Rikors nru:  286/19 AGV**

**AB ( 83169 M)**

**Vs**

**CD ( 288282 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti , AB , nhar id-19 ta' Gunju  2019 , li permezz tieghu ikkonferma bil-gurament :

Illi l-esponent izzewweg lill-intimata fid-19 ta' Awwissu, 2012 , certifikat taz-zwieg anness bhala Dok A , u minn dan iz-zwieg m'ghandhomx ulied.

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali , permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali , ippublikat in atti , tan-Nutar Dottor Ian Castaldi Paris , fit-3 ta' Frar , 2015 , (vide kopja annessa u mmarkata bhala Dok B .

Illi l-partijiet m’ghandhom ebda pendenzi bejniethom , ta’ kwalsijasi natura , lanqas dwar hlas ta’ manteniment.

Illi, ghaddew aktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali , u ma hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji , rikjesti mil-ligi , ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata , huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku , ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet ;

**DECIDE**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**